C/2025/2817

6.6.2025

RAPPORT DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

TAQSIMA I: PARLAMENT EWROPEW

SENA FINANZJARJA 2024

(C/2025/2817)

WERREJ

Paġna

INTRODUZZJONI 2

I. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ATTIVITAJIET TAL-PARLAMENT FL-2024 2

II. EVOLUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-PARLAMENT META MQABBEL MAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 5

III. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT FL-2024 5

A. Baġit inizjali u baġit finali 7

B. Impenji u pagamenti 7

C. Riporti mill-2024 għall-2025 8

D. Użu tar-riporti mill-2023 għall-2024 8

E. Dħul 8

F. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat 9

G. Kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet għas-sena 9

H. Trasferimenti 9

I. Implimentazzjoni baġitarja skont il-kapitolu 10

ANNESSI

Anness I — Rendikont tat-trasferimenti C matul is-sena finanzjarja 2024 14

Anness II — Rendikont tat-trasferimenti P matul is-sena finanzjarja 2024 24

Anness III — Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet matul l-2024 27

Anness IV — Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet riportati mis-sena preċedenti 37

Anness V — Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat intern 42

Anness VI — Dħul fl-2024 57

Anness VII — Proġett ADENAUER II — ċifri ewlenin 60

Lista ta' tabelli u ċifri

Tabella 1 — Użu tal-approprjazzjonijiet 5

Tabella 2 — Dħul riċevut fl-2024 u fl-2023 (il-fond 4 riportat u l-fond 8) 8

Tabella 3 — Analiżi tat-trasferimenti C skont il-kategorija tan-nefqa u l-iskop 9

Tabella 4 — Approprjazzjonijiet impenjati fl-2024 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2023 10

INTRODUZZJONI

1. Ir-rapport li ġej janalizza l-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2024. Jiddeskrivi l-użu li sar mir-riżorsi finanzjarji u l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet matul is-sena. Ir-rapport tfassal f'konformità mal-Artikolu 255 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Finanzjarju". L-analiżi hija bbażata fuq il-kontijiet proviżorji stabbiliti mill-Uffiċjal tal-Kontabilità.

2. Fl-2024, is-sitwazzjoni ġeopolitika ġenerali baqgħet affettwata ħafna mill-kunflitti eżistenti fl-Ukrajna u fil-Lvant Nofsani.

3. L-inflazzjoni fiż-żona tal-euro, li tnaqqset għal 5,4 % għas-sena 2023, kompliet tonqos għal rata ta' inflazzjoni annwali ta' 2,4 % għas-sena 2024 kif ippubblikata mill-Eurostat (indikaturi tal-Euro) fis-17 ta' Jannar 2025 ([2]).

4. Fis-16 ta' Lulju, bdiet l-10 leġiżlatura, wara l-elezzjonijiet li saru bejn s-6 ta' Ġunju u d-9 ta' Ġunju fis-27 Stat Membru. Matul it-tranżizzjoni għal-leġiżlatura l-ġdida, is-servizzi responsabbli tal-Parlament ipprovdew appoġġ ottimali kemm lill-Membri uxxenti kif ukoll dawk eletti ġodda, lill-Assistenti Parlamentari Akkreditati (APAs) u lil staff ieħor.

5. Fl-2024, il-Parlament irċieva allokazzjoni baġitarja ta' EUR 2,383 miljun, li tikkorrispondi għal żieda ta' 6,05 % meta mqabbla ma' dik tal-2023, u b'ħekk tirrappreżenta 20,24 % tal-Intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Is-sena 2024 kienet ir-raba' sena tal-perjodu attwali tal-QFP 2021-2027.

6. Fl-2024, il-Parlament impenja EUR 2,375 miljun mill-baġit allokat tiegħu, għamel pagamenti ta' EUR 2 038 miljun (85,8 % tal-ammont impenjat) u riporta aktar minn EUR 336,7 miljun (14,2 % tal-ammont impenjat) għall-2025. Fl-2024, ma saru l-ebda riporti mhux awtomatiċi għall-2025.

I. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ATTIVITAJIET TAL-PARLAMENT FL-2024

L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

7. Bħala konsegwenza tal-elezzjonijiet Ewropej f'Ġunju, is-sena 2024 ġiet diviża fi tnejn għall-Parlament: l-ewwel parti ffokat fuq l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni u t-tieni parti fuq il-bidu ta' leġiżlatura ġdida.

8. 50,74 % taċ-ċittadini eliġibbli tal-UE pparteċipaw fl-elezzjonijiet, perċentwal li jirrappreżenta ammont kemxejn ogħla minn dak tal-aħħar elezzjoni fl-2019. Il-kampanja elettorali u ta' informazzjoni tal-Parlament ikkontribwew għal dan l-iżvilupp pożittiv.

9. Il-Parlament esperjenza żieda fl-intensità tal-ħidma leġiżlattiva qabel tmiem il-leġiżlatura, fejn 48 att leġiżlattiv ġew iffirmati mill-President tal-Parlament meta mqabbla mal-15 fl-2023 fl-istess perjodu. B'kollox, 146 att ġew iffirmati fl-2024 meta mqabbla mas-77 att fl-2023.

10. L-għaxar leġiżlatura tal-Parlament Ewropew ġiet ikkostitwita fis-16 ta' Lulju 2024. Il-perċentwal ta' Membri ġodda huwa ta' 50,5 %, li huwa sostanzjalment anqas meta mqabbel ma' dak tal-leġiżlatura preċedenti u mas-60 % kkalkulat li abbażi tiegħu ġie stabbilit il-baġit 2024 tal-Parlament.

11. Il-Parlament il-ġdid huwa magħmul minn tmien gruppi politiċi, wieħed aktar mil-leġiżlatura preċedenti.

12. Fil-11 ta' Settembru 2023, il-Bureau emenda l-Miżuri ta' Implimentazzjoni għall-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew b'effett li ddekorra mis-16 ta' Lulju 2024. Dawn il-modifiki għandhom l-għan li jipprovdu sigurtà u koerenza legali msaħħa, flessibilità u simplifikazzjoni u tnaqqis tar-riskju finanzjarju għall-Parlament.

([1]) Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

([2]) https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-euro-indicators/w/2-17012025-ap.

Il-Parlament bħala korp indipendenti tal-UE

13. B'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma "Parlament 2024", il-Konferenza tal-Presidenti (KtP) adottat pakkett ta' miżuri ta' riforma fis-7 ta' Diċembru 2023, li sussegwentement ġie approvat mill-Plenarja f'April 2024, u li jkopri l-leġiżlazzjoni, l-iskrutinju, il-funzjonijiet u l-kontroll baġitarji, il-plenarja u r-relazzjonijiet esterni. Il-proposti ta' riforma għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament tal-Parlament bħala koleġiżlatur, bħala fergħa tal-awtorità baġitarja u bħala awtorità ta' kwittanza.

14. F'dan il-kuntest, f'Settembru 2024 il-Bureau ddeċieda li joħloq, mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni (DĠ IPOL) eżistenti, erba' Direttorati Ġenerali responsabbli għall-attivitajiet leġiżlattivi, baġitarji u ta' skrutinju. Barra minn hekk, ġie deċiż li d-Direttorat għall-Koordinament tal-Kumitati u l-Attivitajiet Leġiżlattivi attwali jiġi ttrasferit taħt id-Deputat Segretarju Ġenerali responsabbli biex jiġi żgurat koordinament aħjar fost l-entitajiet il-ġodda.

L-attraenza tal-Parlament

15. Fl-2024, id-Direttorat Ġenerali għall-Persunal (DĠ PERS) ippubblika erba' kompetizzjonijiet riservati għal ċerti nazzjonalitajiet (Netherlandiża, Awstrijaka, Lussemburgiża u Ċiprijotta), abbażi tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni Ġenerali adottati mill-Bureau fi tmiem l-2022, bil-ħsieb li jiġi indirizzat l-iżbilanċ ġeografiku tal-forza tax-xogħol tal-Parlament.

16. Bħala parti mill-Programm tat-Titjib fl-Attraenza tas-Sit tal-Lussemburgu, l-aktar kisba notevoli kienet in-negozjar u l-adozzjoni mill-Bureau fi tmiem l-2024 ta' deċiżjoni interistituzzjonali komuni dwar allowance għall-akkomodazzjoni għall-persunal ta' grad aktar baxx li jgħix u jaħdem fil-Lussemburgu. Din l-allowance għall-akkomodazzjoni se titħallas mill-2025.

It-trasformazzjoni diġitali u ċ-ċibersigurtà

17. Ir-"Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà" (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) daħal fis-seħħ f'Jannar 2024, u jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-Istituzzjonijiet Ewropej u jintroduċi għadd ta' rekwiżiti obbligatorji għall-entitajiet kollha tal-Unjoni.

18. Sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża tal-Parlament, il-pożizzjonijiet għal "speċjalisti tas-sigurtà tal-ICT" komplew jimtlew fl-2024, u ammontaw għal kważi 40 matul dawn l-aħħar sentejn.

19. Qafas ta' governanza għall-Intelliġenza Artifiċjali (lA) ġie adottat mill-Bureau fil-11 ta' Marzu 2024, inkluża, fost elementi oħra, valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa bl-użu ta' teknoloġiji ġodda. Fl-istess ħin, l-Att Ewropew dwar l-IA ([4]) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2024, u d-dispożizzjonijiet tiegħu se jkunu applikabbli mill-2025 'il quddiem.

Bini

20. Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-proġetti ta' bini ewlenin fl-2024 hija kif ġej:

— Fil-Lussemburgu, tlestiet il-Parti tal-Punent tal-bini ADENAUER II, u b'hekk issa l-persunal u s-servizzi kollha tal-Parlament jinsabu taħt l-istess saqaf.

([3]) Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (ĠU L, 2023/2841, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2841/oj).

([4]) Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

— Fi Strażburgu:

— Ix-xogħlijiet biex jittejbu l-aċċessibilità, is-sikurezza u t-tagħmir tekniku fl-Emiċiklu ta' Strażburgu bdew fl-2024, u se jitwettqu gradwalment sal-2026, sabiex jiġi minimizzat it-tfixkil fl-użu normali tal-ispazju.

— Ix-xogħlijiet ta' sistemazzjoni tal-bini VEIL li bdew fit-8 ta' Jannar 2024 twettqu kif ippjanat, u s-sulari tlestew fl-aħħar ta' Ottubru 2024.

— Padiljun ġdid għas-sigurtà u l-akkoljenza tal-viżitaturi fil-bini WEISS tlesta fil-ħin biex jilqa' l-leġiżlatura l-ġdida f'Lulju 2024.

— Fi Brussell:

— Il-proposta ta' rinnovazzjoni għall-bini SPAAK u l-pjan ta' implimentazzjoni ġew approvati fil-11 ta' Diċembru 2023 mill-Bureau u fl-14 ta' Frar 2024 mill-Kumitat għall-Baġits. Minħabba s-sitwazzjoni baġitarja restrittiva, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jista' jagħmel użu mill-Artikolu 272(6) tar-Regolament Finanzjarju li jipprevedi l-ikkuntrattar ta' self għal proġetti ta' rinnovazzjoni strutturali ta' bini.

— Ix-xiri tal-bini TRÈVES II ġie ffinalizzat, u dan kompla jikkonsolida l-istokk tal-bini tal-Parlament fil-kwartier Ewropew tal-belt.

— Fis-sajf tal-2024 tnieda studju ta' fattibilità għar-rinnovazzjoni tal-Parlamentarium.

— Ix-xogħlijiet fuq ir-rinnovazzjoni tad-Dar taċ-Ċittadini bdew f'Novembru 2024.

21. Fil-21 ta' Ottubru 2024, il-Bureau organizza dibattitu dwar l-orjentazzjonijiet strateġiċi għall-futur tal-istrateġija immobiljari tal-Parlament. Id-dibattitu ffoka fuq it-tranżizzjoni mill-espansjoni għall-konsolidazzjoni f'kuntest ta' riżorsi limitati, l-enfasi fuq is-sostenibilità globali u żieda fl-effiċjenza permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' Istituzzjonijiet oħra tal-UE u t-tliet bliet ospitanti (Strażburgu, Brussell u l-Lussemburgu).

22. Matul l-2024, infetħu Djar l-Ewropa bil-faċilitajiet Europa Experience integrati fi Praga u Dublin. Fil-Lussemburgu, il-kostruzzjoni tal-faċilità Europa Experience tlestiet, u nfetħet f'Mejju 2024.

23. Ġie ffirmat kuntratt ta' xiri ta' bini biex jakkomoda Dar l-Ewropa li tinkludi Europa Experience fi Bratislava. Ġew iffirmati erba' kuntratti ġodda ta' kiri għall-faċilitajiet Europa Experience f'Ateni, Sofija, The Hague u Munich. Fl-istess kuntest, tnedew seba' prospetti tas-suq f'Bucharest, Lisbona, Madrid, Nikosija, Riga, il-Belt Valletta u Vilnius.

24. Sa tmiem is-sena 2024, kienu nfetħu 52 % tal-faċilitajiet Europa Experience previsti.

25. Fil-25 ta' Novembru 2024, il-Bureau organizza dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-futur taċ-ċentri Europa Experience, hekk kif ikkunsidra l-prestazzjoni tagħhom u t-teknoloġiji li qed jevolvu rapidament.

Parlament ekoloġiku

26. Fl-2024, il-Parlament irnexxielu jżomm ir-reġistrazzjoni EMAS. Il-Parlament beda wkoll jestendi ċ-ċertifikazzjoni EMAS għall-Uffiċċji ta' Kollegament tiegħu fl-Istati Membri.

27. Mill-ħdax-il objettiv ta' prestazzjoni ambjentali stabbiliti mill-Bureau fl-2019, intlaħqu disgħa sa tmiem l-2023. B'mod partikolari, il-Parlament kiseb riżultati tajbin fir-rigward tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, kif ukoll tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-enerġija, tal-karti u tal-ilma.

28. Kif meħtieġ miċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS, fil-bidu ta' kull leġiżlatura, il-Bureau afferma mill-ġdid l-impenn tal-Parlament li jtejjeb il-prestazzjoni ambjentali tiegħu. Fil-25 ta' Novembru 2024, il-Bureau approva l-politika ambjentali l-ġdida u sett ġdid ta' miri għal-leġiżlatura 2024-2029, li jistabbilixxu standards ogħla għall-bini u mira ta' tnaqqis nett ta' emissjonijiet ta' 55 % għall-UE sal-2030.

29. Is-servizzi responsabbli inċentivaw l-għażliet sostenibbli ta' vjaġġar lejn ix-xogħol u lura permezz ta' titjib taż-żoni ta' parkeġġ għar-roti u tal-infrastruttura relatata biex jappoġġjaw l-użu tar-roti għall-vjaġġar ta' kuljum lejn ix-xogħol u lura. Il-Parlament kompla joffri lill-persunal tiegħu sistema msaħħa ta' sussidji finanzjarji, li tipprevedi rimborż sa 90 % tal-prezz tal-abbonamenti mat-trasport pubbliku bi skambju għal aċċess imnaqqas għall-parkeġġi.

30. Għall-attivitajiet ta' ġestjoni, manutenzjoni u żamma tal-faċilitajiet intużaw tekniki avvanzati tal-bini u materjali bi prestazzjoni għolja. Ingħatat attenzjoni speċjali lir-rendiment fl-użu tal-enerġija, l-emissjonijiet, l-impronta tal-karbonju, il-bijodiversità tal-ispazji ħodor u ċ-ċirkolarità. Kull azzjoni kellha l-objettiv li tħalli impatt fuq l-impronta ambjentali tal-infrastruttura tal-binjiet.

II. EVOLUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-PARLAMENT META MQABBEL MAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

Evoluzzjoni tal-baġit tal-Parlament meta mqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali				
Sena	2021	2022	2023	2024
Baġit tal-PE (f'miljuni ta' EUR)	2 064	2 162	2 247	2 383
Δ %	1,2	4,7	3,9	6,05
Intestatura 7 tal-QFP (f'miljuni ta' EUR)	10 635	11 058	11 419	11 773
Δ %	- 5,5	4,0	3,3	3,10
Sehem tal-PE fl-intestatura 7	19,4	19,5	19,7	20,24

III. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT FL-2024

31. L-approprjazzjonijiet tal-Parlament għall-2024 ammontaw għal EUR 2 383 101 312, li jirrappreżentaw 20,24 % tal-intestatura 7 tal-QFP ([5]). It-Tabella 1 hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament matul is-sena finanzjarja 2024.

Tabella 1

Użu tal-approprjazzjonijiet

Tip ta' approprjazzjoni	Approprjazzjonijiet tal-2024 (EUR jew %)	Approprjazzjonijiet tal-2023 (EUR jew %)	Δ 2024/2023 (%)
Approprjazzjonijiet attwali (il-Fond 0)			
Approprjazzjonijiet inizjali	2 383 101 312	2 247 134 550	6
Approprjazzjonijiet finali	2 383 101 312	2 247 134 550	6
Implimentazzjoni għas-sena			
Impenji	2 375 167 078	2 238 344 830	6
Bħala % tal-approprjazzjonijiet finali	99,7	99,6	—
Pagamenti	2 038 418 350	1 890 024 502	8
Bħala % tal-impenji	85,8	84,4	—
Riporti għas-sena suċċessiva			
Riporti awtomatiċi għas-sena suċċessiva ([1])	336 748 728	348 320 327	- 3
Bħala % tal-approprjazzjonijiet finali	14,1	15,5	—
Bħala % tal-impenji	14,2	15,6	—

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (EU, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I tat-22.12.2020, p. 11).

Tip ta' approprjazzjoni	Approprjazzjonijiet tal-2024 (EUR jew %)	Approprjazzjonijiet tal-2023 (EUR jew %)	Δ 2024/2023 (%)
Riporti mhux awtomatiċi (approprjazzjonijiet mhux impenjati riportati għas-sena suċċessiva) ([2])	0	0	—
Bħala % tal-approprjazzjonijiet finali	0,0	0,0	—
Kanċellazzjonijiet			
Approprjazzjonijiet ikkanċellati	7 934 234	8 789 719	- 10
Bħala % tal-approprjazzjonijiet finali	0,3	0,4	—
Riporti mis-sena preċedenti (il-Fondi 1 u 2)			
Riporti awtomatiċi mis-sena preċedenti	348 320 328	350 895 138	- 1
Pagamenti li jikkorrispondu għal dawk ir-riporti	322 471 833	330 637 103	- 2
Bħala % tar-riporti	92,6	94,2	—
Ammont ikkanċellat	25 848 495	20 258 035	28
Riporti mhux awtomatiċi mis-sena preċedenti ([2])	0	20 891 669	- 100
Impenji	0	20 891 669	- 100
Pagamenti li jikkorrispondu għal dawk ir-riporti	0	20 891 669	- 100
Bħala % tar-riporti	0,0	100,0	—
Ammont ikkanċellat	0	0	—
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat għas-sena (il-Fond 7)			
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat għas-sena	49 277 555	50 186 995	- 2
Impenji	19 428 300	25 560 439	- 24
Bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat	39,4	50,9	—
Pagamenti	14 724 275	21 518 922	- 32
Bħala % tal-impenji li jirriżultaw minn dħul assenjat	75,8	84,2	—
Riport tal-approprjazzjonijiet mhux impenjati għas-sena suċċessiva	29 849 255	24 626 555	2
Riport tal-approprjazzjonijiet impenjati għas-sena suċċessiva	4 704 025	4 041 516	16
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat intern minn sorsi għajr il-kiri u l-bejgħ ta' bini u art ([3]) riportati mis-sena preċedenti (il-Fond 5 ħlief il-partiti 2000-2003)			
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportati mis-sena preċedenti	20 956 241	22 477 101	- 7
Impenji	20 923 598	22 330 487	- 6
Bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportati	99,8	99,3	—
Pagamenti	17 922 804	20 163 605	- 11

Tip ta' approprjazzjoni	Approprjazzjonijiet tal-2024 (EUR jew %)	Approprjazzjonijiet tal-2023 (EUR jew %)	Δ 2024/2023 (%)
Bħala % tal-impenji	85,7	90,3	—
Kanċellazzjonijiet	32 643	146 613	- 78
Riport tal-impenji minn dħul assenjat riportati għas-sena suċċessiva	3 000 794	2 166 882	38
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat intern mill-kera u l-bejgħ tal-bini u l-art ([4]) riportati mis-sena preċedenti (il-Fond 5, il-partiti 2 0 0 0 - 2 0 0 3)			
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportati mis-sena preċedenti	16 153 772	23 301 079	- 31
Impenji	8 579 780	10 817 622	- 21
Bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportati	53,1	46,4	—
Pagamenti	8 435 086	10 475 072	- 19
Bħala % tal-impenji	98,3	96,8	—
Riport tal-approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena suċċessiva	7 573 992	12 483 457	- 39
Riport tal-impenji minn dħul assenjat riportati għas-sena suċċessiva	144 694	342 550	- 586
Impenji minn dħul assenjat riportati mis-sena preċedenti (il-Fond 3)			
Impenji minn dħul assenjat riportati mis-sena preċedenti	7 080 950	11 261 287	- 37
Pagamenti	5 479 522	9 038 989	- 40
Bħala % tal-impenji	77,4	80,3	—
Riport tal-impenji minn dħul assenjat riportati għas-sena suċċessiva (dħul mill-kera)	854 000	530 000	61
Kanċellazzjonijiet ta' impenji	747 428	1 692 299	- 56

([1]) L-Artikoli 12(1) u 12(7) tar-Regolament Finanzjarju.
([2]) L-Artikoli 12(1), 12(2)(a) u 12(3) tar-Regolament Finanzjarju.
([3]) Bl-eċċezzjoni tad-dħul assenjat intern mill-kera u l-bejgħ tal-bini u l-art li jista' jiġi riportat sa ma jintuża kollu (l-Artikolu 12(4)(b) tar-Regolament Finanzjarju).
([4]) L-Artikolu 12(4)(b) tar-Regolament Finanzjarju.

A. **Bażit inizjali u bażit finali**

32. L-approprjazzjonijiet finali fil-bażit tal-Parlament għall-2024 kienu jammontaw għal EUR 2 383 101 312. Dan irrappreżenta żieda ta' 6,05 % fuq il-bażit finali tal-2023 (EUR 2 247 134 550). Ġew ikkanċellati EUR 7 934 234. Dan l-aħħar ammont jibqa' marġinali (0,33 %) meta mqabbel mal-approprjazzjonijiet disponibbli fl-2024.

B. **Impenji u pagamenti**

33. L-impenji kienu jammontaw għal EUR 2 375 167 078, li kienu jirrappreżentaw 99,7 % tal-approprjazzjonijiet finali meta mqabbla ma' 99,6 % fl-2023. Il-pagamenti kienu jammontaw għal EUR 2 038 418 350 jew 85,8 % tal-impenji li ttieħdu meta mqabbla ma' 84,4 %.

C. **Riporti mill-2024 għall-2025**

34. Ir-riporti awtomatiċi għas-sena finanzjarja 2025 kienu jammontaw għal EUR 336 748 728, li kienu jirrappreżentaw 14,2 % tal-approprjazzjonijiet impenjati totali meta mqabbla ma' 15,6 % fl-2024. Fl l-2024, ma sar l-ebda riport mhux awtomatiku mill-2024 għall-2025.

D. **Użu tar-riporti mill-2023 għall-2024**

35. Ir-riporti awtomatiċi għall-2024 ammontaw għal EUR 348 320 328 meta mqabbla ma' EUR 350 895 138 fl-2023. Il-pagamenti li jikkorrispondu għal dawk ir-riporti kienu jammontaw għal EUR 322 471 833 jew 92,6 % meta mqabbla ma' 94,2 % fl-2023. L-approprjazzjonijiet ikkanċellati fl-2024 kienu jammontaw għal EUR 25 848 495 meta mqabbla ma' EUR 20 258 035 fl-2023.

36. Il-biċċa l-kbira tal-kanċellazzjonijiet kienet tikkonċerna l-Artikolu 2 0 0 "Bini", l-Artikolu 2 0 2 "In-nefqa fuq il-bini", l-Artikolu 2 1 0 "L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet", l-Artikolu 2 1 4 "Materjal u installazzjonijiet tekniċi", l-Artikolu 3 2 4 "Produzzjoni u tixrid" u l-Artikolu 4 0 0 "Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati". Il-kanċellazzjonijiet li jirrigwardaw dawn il-ħames Artikoli kienu jirrappreżentaw 77,1 % tal-ammont totali.

E. **Dħul**

37. Id-dħul totali mdaħħal fil-kontijiet fil-31 ta' Diċembru 2024 kien ta' EUR 281 517 001 meta mqabbel ma' EUR 255 205 473 fl-2023. F'konformità mal-Artikolu 1 0 1(2-5) tar-Regolament Finanzjarju, ingħataw rinunzji għal ammont totali ta' EUR 11 175.

38. It-Tabella 2 tipprovdi diżaggregazzjoni, skont il-kapitolu, tal-moviment fid-dħul bejn l-2023 u l-2024.

Tabella 2

Dħul riċevut fl-2024 u fl-2023 (il-Fond 4 riportat u l-Fond 8)

Kapitolu	Intestatura	2024 (EUR)	2023 (EUR)	Differenza (EUR)	Δ 2024/2023 (%)
3 0	Dħul mill-persunal	226 196 291	201 325 496	24 870 795	12,35
3 1	Dħul marbut mal-proprjetà	2 949 838	5 108 120	- 2 158 282	- 42,25
3 2	Dħul mill-provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol - dħul assenjat	23 810 363	22 027 029	1 783 334	8,10
3 3	Dħul amministrattiv ieħor	24 149 483	23 787 616	361 867	1,52
Titolu 3	**Dħul li jirriżulta minn funzjonijiet speċjali li jsiru mill-istituzzjoni**	**277 105 975**	**252 248 261**	**24 857 714**	**9,85**
4 0	Dħul minn investimenti u kontabilità	4 411 026	2 957 212	1 453 814	49,16
Titolu 4	**Dħul li jirriżulta minn funzjonijiet speċjali li twettaq l-istituzzjoni**	**4 411 026**	**2 957 212**	**1 453 814**	**49,16**
	Total	**281 517 001**	**255 205 473**	**26 311 527**	**10,31**

39. Għall-Kapitolu 4 0 "Dħul minn investimenti u kontabilità", iż-żieda hija relatata mas-suq finanzjarju. Fis-snin preċedenti, il-Parlament ħallas imgħax negattiv filwaqt li fl-2022 'il quddiem irċieva imgħax pożittiv fuq il-kontijiet bankarji tiegħu. Fl-2024, dawk l-interessi ammontaw għal EUR 4.41 miljun.

F. **Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat**

40. Fl-2024, l-approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn dħul assenjat għas-sena (il-Fond 7) ammontaw għal EUR 49 277 555 meta mqabbla ma' EUR 50 186 995 fl-2023. L-impenji kienu jammontaw għal EUR 19 428 300, jiġifieri rata ta' impenn ta' 39,4 % meta mqabbla ma' 50,9 % fl-2023. Il-pagamenti kienu jammontaw għal EUR 14 724 275, li kienu jirrappreżentaw 75,8 % tal-impenji li ttieħdu meta mqabbla ma' 84,2 % fl-2023.

G. **Kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet għas-sena**

41. Is-somma ta' EUR 7 934 234 meta mqabbla ma' EUR 8 789 719 fl-2023, li tirrappreżenta 0,33 % tal-approprjazzjonijiet finali meta mqabbla ma' 0,39 % fl-2023, kienet ikkanċellata.

H. **Trasferimenti**

42. Matul is-sena finanzjarja 2023, ġew approvati 12-il trasferiment C f'konformità mal-Artikoli 31 u 49 tar-Regolament Finanzjarju. It-trasferimenti C kienu jammontaw għal EUR 82 768 000, li jirrappreżentaw 3,47 % tal-approprjazzjonijiet finali. Bħala paragun, fl-2023 ġew approvati 19-il trasferiment C, li jirrappreżentaw ukoll 3,47 % tal-approprjazzjonijiet finali (ara l-Anness I għad-dettalji).

Tabella 3

Analiżi tat-trasferimenti C skont il-kategorija tan-nefqa u l-iskop

Kategorija ta' nefqa destinatarja tat-trasferiment	Skop	Trasferiment	Ammont ittrasferit (EUR)	Bħala % tal-ammonti ttrasferiti
Politika dwar il-bini	L-ewwel installazzjoni tal-bini VEIL, Strażburgu	**C1**	7 800 000	9,42
	Il-proġett Adenauer II evalwa mill-ġdid il-ħtiġijiet, il-Lussemburgu Mobilità	**C3, C10**	21 120 000	25,52
		Politika tal-bini — Total	**28 920 000**	**34,94**
IT u tagħmir/servizzi tekniċi oħra	Rinnovazzjoni ta' tagħmir skadut, inklużi swiċċijiet tan-network, servers fiċ-ċentru tad-data u kopertura tal-Wi-Fi. Modernizzar u tagħmir ġdid relatati mal-installazzjonijiet tal-konferenzi fis-swali tal-laqgħat	**C7, C9, C11**	10 770 000	13,01
	Tagħmir individwali (Membri u persunal) u tiġdid tal-liċenzji tas-software użati fiċ-Ċentru tad-Data	**C4, C6, C9, C11**	13 160 000	15,90
	Is-sigurtà tal-IT u s-servizzi ta' appoġġ tal-IT għall-Membri, iċ-ċibersigurtà, is-sostituzzjoni tal-GEDA, l-applikazzjoni l-ġdida Pericles u l-iżvilupp tal-kapaċità tal-Intelliġenza Artifiċjali	**C9, C11**	4 988 000	6,03
		IT u tagħmir/servizzi tekniċi oħra — Total	**28 918 000**	**34,94**

Kategorija ta' nefqa destinatarja tat-trasferiment	Skop	Trasferiment	Ammont ittrasferit (EUR)	Bħala % tal-ammonti ttrasferiti
Il-persunal u staff ieħor	Remunerazzjoni u allowances tal-istaff	**C2, C8**	19 385 000	23,42
	Taħriġ u servizzi soċjali	**C2**	910 000	1,10
	Missjonijiet tal-Istaff	**C5**	335 000	0,40
		Persunal u staff ieħor — Total	**20 630 000**	**24,92**
Multilingwiżmu	Interpretazzjoni esterna	**C8, C12**	4 300 000	5,20
		Multilingwiżmu — Total	**4 300 000**	**5,20**
		Totali	**82 768 000**	**100**

43. Il-President awtorizzat disa' trasferimenti P ta' approprjazzjonijiet skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Finanzjarju ([6]) fl-2024 bl-użu ta' żewġ sorsi ta' finanzjament, jiġifieri l-approprjazzjonijiet attwali tas-sena (il-Fond 0) u l-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat intern riportati mis-sena preċedenti (il-Fond 5). Fir-rigward tal-ewwel, intuża ammont ta' EUR 11 479 000, jew 0,5 % tal-approprjazzjonijiet finali meta mqabbel ma' tmien trasferimenti P fl-2023, li jippreżentaw 0,4 % tal-approprjazzjonijiet finali. Għal dan tal-aħħar, ġie ttrasferit ammont globali ta' EUR 5 440 843 (Ara l-Anness 2 għad-dettalji).

I. Implimentazzjoni bażitarja skont il-kapitolu

44. Din it-taqsima tħares lejn l-użu tal-approprjazzjonijiet skont il-kapitolu tal-bażit, is-sehem tagħhom mill-bażit tal-2024 u l-bidliet fl-użu tal-approprjazzjonijiet matul is-sena finanzjarja preċedenti.

45. Sitt kapitoli kienu jirrappreżentaw 85,7 % tal-impenji totali. Il-Kapitolu 1 0 "Membri tal-Istituzzjoni"; il-Kapitolu 1 2 "Uffiċjali u persunal temporanju"; il-Kapitolu 1 4 "Persunal ieħor u servizzi esterni"; il-Kapitolu 2 0 "Bini u kostijiet relatati"; il-Kapitolu 2 1 "Proċessar ta' data, tagħmir u għamara" u l-Kapitolu 4 2 "Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari".

46. It-Tabella 4 tipprovdi diżaggregazzjoni, skont il-kapitolu, tal-approprjazzjonijiet impenjati fl-2024 meta mqabbla mal-impenji fl-2023.

Tabella 4

Approprjazzjonijiet impenjati fl-2024 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2023

Kapitolu	Intestatura	2024 (EUR)	2023 (EUR)	Differenza (EUR)	Δ 2024/2023 (%)
1 0	Membri tal-istituzzjoni	249 427 211	217 433 354	31 993 857	15
1 2	Uffiċjali u persunal temporanju	853 989 951	798 650 569	55 339 383	7
1 4	Persunal ieħor u servizzi esterni	206 535 275	206 794 921	- 259 646	0
1 6	Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni	24 937 797	23 492 602	1 445 195	6

([6]) Deċiżjoni mill-istituzzjoni biex l-approprjazzjonijiet jiġu ttrasferiti f'Artikolu partikolari.

Kapitolu	Intestatura	2024 (EUR)	2023 (EUR)	Differenza (EUR)	Δ 2024/2023 (%)
Titolu 1 — Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni		**1 334 890 234**	**1 246 371 445**	**88 518 789**	**7**
2 0	Bini u kostijiet relatati	252 616 843	219 649 182	32 967 661	15
2 1	Proċessar ta' data, tagħmir u għamara	250 108 622	221 088 935	29 019 687	13
2 3	Nefqa amministrattiva kurrenti	5 491 506	7 347 550	- 1 856 044	- 25
Titolu 2 — Bini, għamara, tagħmir u nefqiet varji għall-operat amministrattiv		**508 216 971**	**448 085 666**	**60 131 305**	**13**
3 0	Laqgħat u konferenzi	27 628 547	30 661 900	- 3 033 354	- 10
3 2	L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni	156 070 769	171 634 855	- 15 564 086	- 9
Titolu 3 — In-nefqa ġenerali għall-operat amministrattiv tal-istituzzjoni		**183 699 316**	**202 296 756**	**- 18 597 440**	**- 9**
4 0	Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi	125 403 171	114 095 415	11 307 756	10
4 2	Nefqa marbuta mal-assistenza parlamentari	222 263 343	226 692 521	- 4 429 178	- 2
4 4	Laqgħat u attivitajiet oħra tal-Membri Parlamentari attwali u tal-ex Membri	593 204	523 756	69 448	13
Titolu 4 — Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali li jsiru mill-istituzzjoni		**348 259 718**	**341 311 693**	**6 948 025**	**2**
5 0	In-Nefqa tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej u l-Kumitat ta' Persuni Eminenti Indipendenti	100 840	279 271	- 178 431	- 64
Titolu 5 — L-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej u l-Kumitat ta' Persuni Eminenti Indipendenti		**100 840**	**279 271**	**- 178 431**	**- 64**
X 1 0 1	Riżerva ta' kontinġenza	0	0	0	0
Titolu 10 — Infiq ieħor		**0**	**0**	**0**	**0**
	Total	**2 375 167 078**	**2 238 344 831**	**136 822 248**	**6**

47. Iż-żieda fl-impenji taħt il-**Kapitolu 1 0** "Membri tal-Istituzzjoni" bl-ammont ta' EUR 32 miljun (15 %) tirriżulta minn diversi fatturi. L-indiċjar annwali tas-Salarji u l-Allowances tal-Membri fl-2024 (ara l-paragrafu 48 hawn taħt) affettwa direttament il-partita 1 0 0 0 "Salarji". Barra minn hekk, mis-16 ta' Lulju 'l quddiem, il-Membri tal-Parlament Ewopew saru 720, meta mqabbla ma' 705 fl-2023. Peress li l-2024 kienet sena elettorali, għax-xahar ta' Lulju 2024, kemm il-Membri uxxenti kif ukoll dawk eletti ġodda, kienu intitolati għall-ħlas ta' salarju (xahar sħiħ għall-Membri uxxenti li ma reġgħux ġew eletti u nofs xahar għall-Membri eletti ġodda). Dawn l-elementi rriżultaw f'żieda ta' EUR 7.6 miljun f'impenji fil-partita 1 0 0 0. Il-Membri kollha li jitilqu mill-Parlament huma intitolati għal allowance tranżitorja. Il-perjodu li matulu titħallas l-allowance tranżitorja jiġi determinat mit-tul totali tas-servizz tal-Membru fil-Parlament. L-allowance ta' kull xahar hija stabbilita fl-istess livell bħas-salarju ta' kull xahar. B'riżultat ta' dan, l-impenji tal-Artikolu 1 0 2 "Allowances tranżitorji" żdiedu bl-ammont ta' EUR 18.1-il miljun fl-2024. Ir-regoli tranżitorji għall-Membri uxxenti japplikaw ukoll għall-partita 1 0 0 6 "Allowance għall-ispejjeż ġenerali", u dan jirriżulta f'żieda fl-impenji ta' EUR 5.4 miljun fl-2024.

48. L-impenji fil-**Kapitolu 1 2** "Uffiċjali u Persunal Temporanju" ammontaw għal EUR 854 miljun fl-2024, li kienu jirrappreżentaw żieda ta' EUR 55.4 miljun meta mqabbla mal-2022 (7 %), u dan jagħmilha l-akbar kategorija ta' nfiq (35,8 % tal-impenji kollha fl-2024). Din iż-żieda hija r-riżultat ta' żieda ta' 3 %, f'Jannar 2024, tas-salarji għall-uffiċjali u għal persunal ieħor tal-Unjoni Ewropea minħabba r-rata għolja ta' inflazzjoni rreġistrata matul is-semestru preċedenti u tat-tieni żieda ta' 4,1 % f'Diċembru 2024, b'effett retroattiv għall-1 ta' Lulju 2024.

49. L-impenji fil-**Kapitolu 2 0** "Bini u kostijiet relatati" żdiedu bl-ammont ta' EUR 32.9 miljun (+15 %). F'dan il-Kapitolu, l-Artikolu 2 0 0 "Bini" juri żieda ta' EUR 25.3 miljun. B'mod partikolari, il-partita 2 0 0 0 "Kirjiet" żdiedet b'EUR 10.6 miljun, l-aktar minħabba ż-żieda tal-perimentru relatat mal-faċilitajiet Europa Experience. L-impenji taħt il-partita 2 0 0 1 "Ħlasijiet ta' ċnus" żdiedu bl-ammont ta' EUR 8,4 miljun minħabba l-ħtiġijiet ivvalutati mill-ġdid relatati mal-istadji konklużivi tal-bini ADENAUER II fil-Lussemburgu. Fl-aħħarnett, l-impenji taħt il-partita 2 0 0 7 "Kostruzzjoni ta' bini u sistemazzjoni fil-binjiet" żdiedu b'EUR 6.5 miljun fl-2024. Din iż-żieda tirriżulta, parzjalment mis-sistemazzjoni tal-okkupazzjoni inizjali tal-binja VEIL fi Strażburgu, u parzjalment min-numru akbar ta' xogħlijiet tal-ewwel sistemazzjoni mwettqa għall-faċilitajiet ta' Europa Experience.

50. Fir-rigward tal-Artikolu 2 0 2 "In-nefqa fuq il-bini", l-impenji żdiedu b'EUR 7.7 miljun fl-2024. L-impenji taħt il-partita 2 0 2 2 "Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini" żdiedu b'EUR 5.8 miljun, filwaqt li l-partita 2 0 2 6 "Sigurtà u sorveljanza tal-bini" żdiedet b'EUR 1.9 miljun minħabba, għaż-żewġ partiti, l-indiċjar differenti fil-kuntratti mġedda fl-2023 u fl-2024, u għall-partita 2 0 2 6 minħabba ż-żieda fil-perimetru li għandha tiġi żgurata sena wara sena.

51. Fil-**Kapitolu 2 1** "Proċessar ta' Data, Tagħmir u Għamara", l-impenji żdiedu b'EUR 29.02 miljun (13 %), li minnhom kważi 90 % huma dovuti għall-Artikolu 2 1 0 "L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet". Fi ħdan dan tal-aħħar, il-partiti 2 1 0 5 "Investiment fi proġetti" u 2 1 0 4 "Investiment fl-infrastruttura" jippreżentaw 57 % (EUR 14.8-il miljun). L-investimenti meħtieġa huma relatati mal-akkwist ta' tagħmir tal-IT individwali għall-Membri u l-persunal tal-Parlament, is-sostituzzjoni ta' xi whud mis-servers obsoleti fiċ-Ċentru tad-Data, l-aġġornamenti tan-network tal-Wi-Fi, is-sostituzzjoni tas-sistema tal-votazzjoni tal-Parlament u ta' xi swiċċijiet, kif ukoll żieda fl-attività fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali. Il-bqija tal-Artikolu 2 1 0 esperjenza żieda ta' EUR 11.27-il miljun, marbuta ma' prezzijiet ogħla mħallsa fl-2024 għax-xiri u t-tiġdid tal-liċenzji għall-applikazzjonijiet tal-IT u għall-indiċjar tal-kuntratti.

52. Il-**Kapitolu 3 0** "Laqgħat u konferenzi" rreġistra tnaqqis fl-impenji ta' EUR 3 miljun (-10 %) prinċipalment minħabba l-Artikolu 3 0 0 "Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta'xogħol" (EUR 3.7 miljun), li rriżulta minn tnaqqis fl-attvitajiet parlamentari matul sena elettorali (11-il sessjoni parzjali minflok 12). Madankollu, dan it-tnaqqis kien limitat minn żieda fl-impenji fil-linja baġitarja 3 0 4 9 "Nefqa għall-aġenziji tal-ivvjaġġar" (EUR 1.2 miljun) minħabba kuntratt ġdid bi prezzijiet ogħla. L-impenji taħt il-partita tal-baġit 3042 "Laqgħat, kungressi, konferenzi u delegazzjonijiet" naqsu wkoll fl-2024 (-EUR 0.7 miljun) minħabba numru anqas ta' laqgħat ta' korpi oħra fil-żmien ta' qabel l-elezzjonijiet u matul il-perjodu kostituttiv.

53. L-impenji ġenerali fil-**Kapitolu 3 2** "L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwist, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni" naqsu bl-ammont ta "EUR 15.6-il miljun (-9 %). B'mod partikolari, l-impenji taħt il-partita 3 2 4 2 'Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi' rreġistraw tnaqqis sostanzjali ta" EUR 19.3-il miljun li jirrifletti l-evoluzzjoni tan-nefqa fuq il-komunikazzjoni relatata mal-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. L-impenji tal-partita 3 2 4 3 "Ċentri għall-viżitaturi tal-Parlament Ewropew" naqsu wkoll b'EUR 4.4 miljun, prinċipalment minħabba dewmien relatat mal-proġetti Europa Experience. Madankollu, l-impenji tal-partita 3 2 4 8 "In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva" rreġistraw żieda qawwija ta' EUR 7.9 miljun bħala konsegwenza ta' domanda qawwija għal servizzi awdjoviżivi u żidiet sinifikanti fil-prezzijiet kif ukoll is-sostituzzjoni ta' tagħmir awdjoviżiv obsolet kemm fi Brussell kif ukoll fi Strażburgu.

54. Iż-żieda fl-impenji ta' EUR 11.3-il miljun (10 %) relatata mal-**Kapitolu 4 0** "Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi" hija maqsuma bejn l-Artikolu 4 0 0 "Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati" (EUR 3.6 miljun), l-Artikolu 4 0 2 "Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej" (EUR 4.8 miljun) u l-Artikolu 4 0 3 "Finanzjament tal-fondazzjonijiet Politiċi Ewropej" (EUR 2.9 miljun). F'sena elettorali, huwa meħtieġ finanzjament addizzjonali biex l-istrutturi politiċi jkunu jistgħu jwettqu l-kampanji politiċi tagħhom.

55. It-tnaqqis fl-impenji ta' EUR 4.4 miljun (-2 %) taħt il-**Kapitolu 4 2** "Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari" meta mqabbla mal-2023 huwa wkoll ir-riżultat ta' sena elettorali, fejn il-bidla tal-Membri twassal għal tiġdid gradwali tal-assistenti parlamentari.

ANNESS I

RENDIKONT TAT-TRASFERIMENTI "C" MATUL IS-SENA FINANZJARJA 2024

Nru	Għall-/Mill-Kapitolu/Artikolu/partita		Intestatura	Deskrizzjoni tat-trasferiment	Ammont ta' trasferiment, dħul (EUR)	Ammont ta' trasferiment, ħruġ (EUR)
C1	Mill-partita	2 0 0 0	Kirjiet	L-għan ta' din il-proposta ta' trasferiment huwa li l-Parlament ikun jista' jattrezza l-bini VEIL għall-ewwel installazzjoni. L-attwazzjoni inizjali diġà bdiet u trid tkompli tippermetti l-okkupazzjoni tal-bini.		5 000 000
		2 0 2 4	Konsum tal-enerġija			2 800 000
	Għall-partita	2 0 0 7	Kostruzzjoni ta' bini u sistemazzjoni fil-binjiet		5 600 000	
		2 1 2 0	Għamara		2 200 000	
C2	Mill-partita	1 0 0 6	Allowance għall-ispejjeż ġenerali	L-għan ta' din il-proposta ta' trasferiment huwa li tirrinforza a) il-partita 1 2 2 0 "Allowances fil-każ ta' persunal irtirat mix-xogħol jew li jibbenefika minn liv fl-interess tas-servizz" għal ammont ta' EUR 580 000 biex jitħallsu l-allowances statutorji għal għadd ogħla minn dak ippjanat ta' benefiċjarji, b) il-partita 1 6 1 2 "Tagħlim u żvilupp" għal ammont ta' EUR 535 000 biex jiġu ffinanzjati korsijiet ta' taħriġ obbligatorji ġodda għall-Membri u l-persunal u kostijiet addizzjonali relatati ma' korsijiet ta' taħriġ strateġiku u c) il-partita 1 6 3 0 "Servizzi soċjali" għal ammont ta' EUR 375 000 biex jiġi kopert l-għadd dejjem jikber ta' talbiet bi spejjeż ogħla relatati ma' persuni b'diżabbiltà.		1 455 000
		2 0 0 8	Ġestjoni tal-proprjetà speċifika			35 000
	Għall-partita	1 2 2 0	Allowances fil-każ ta' persunal irtirat mix-xogħol jew li jibbenefika minn liv fl-interess tas-servizz		580 000	
		1 6 1 2	Tagħlim u żvilupp		535 000	
		1 6 3 0	Servizzi soċjali		375 000	
C3	Mill-partita	2 0 2 4	Konsum tal-enerġija	L-iskop ta' din il-proposta ta' trasferiment huwa li tkopri l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-biljetti staġunali u li tiffinanzja parti mill-kostijiet addizzjoniali minħabba ħtiġijiet relatati mal-istadji konklużivi tal-proġett tal-bini ADENAUER II.		1 900 000
		4 0 2 0	Finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej			2 220 000
	Għall-partita	1 6 3 1	Mobilità		450 000	
		2 0 0 1	Ħlasijiet ta' ċnus		3 670 000	
C4	Mill-partita	4 0 2 0	Finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej	L-għan ta' din il-proposta ta' trasferiment huwa li tippermetti l-akkwist ta' 750 kompjuter portabbli u aċċessorji relatati għall-Assistenti Parlamentari Akkreditati (APAs) li bħalissa huma mgħammra b'kompjuters ibridi obsoleti.		1 000 000
	Għall-partita	2 1 0 4	L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet — Investiment fl-infrastruttura		1 000 000	

Nru	Għall-/Mill-Kapitolu/Artikolu/partita		Intestatura	Deskrizzjoni tat-trasferiment	Ammont ta' trasferiment, dħul (EUR)	Ammont ta' trasferiment, ħruġ (EUR)
C5	Mill-partita	3 2 0 0	Akkwist tal-opinjoni tal-esperti	L-approprjazzjonijiet taħt il-partita tal-baġit 3000 huma maħsuba biex ikopru n-nefqa marbuta mal-ivvjaġġar magħmul mill-persunal tal-Parlament, mill-esperti nazzjonali sekondati, trainees u persunal ta' istituzzjonijiet Ewropej jew internazzjonali oħra mistiedna mill-Parlament mill-post tal-impieg lejn xi wieħed mit-tliet postijiet ta' xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell, il-Lussemburgu u Strażburgu) u għal missjonijiet lejn kull post ieħor barra mit-tliet postijiet ta' xogħol. Id-deficit għall-infiq tal-missjonijiet jirriżulta minn talbiet addizzjonali mid-DĠ COMM, SAFE, PART u s-Servizz Legali biex iwettqu l-attivitajiet ewlenin tagħhom.		335 000
	Għall-partita	3 0 0 0	Spejjeż għall-missjonijiet tal-persunal u għall-ivvjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol		335 000	
C6	Mill-partita	4 0 2 0	Finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej	L-għan ta' din il-proposta ta' trasferiment huwa li tippermetti x-xiri tal-abbonamenti annwali tas-software użati biex jipproteġu d-data tal-Parlament minn theddid dejjem akbar.		820 000
	Għall-partita	2 1 0 0	L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Operazzjonijiet		820 000	
C7	Mill-partita	4 0 2 0	Finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej	L-għan ta' din il-proposta ta' trasferiment huwa li tiġi żgurata l-kontinwità operattiva tax-xogħlijiet parlamentari fil-leġiżlatura l-ġdida fir-rigward tal-installazzjonijiet tal-konferenzi fil-kmamar tal-laqgħat biex jiġi ggarantit il-fluss regolari tal-multilingwiżmu u l-ħidma parlamentari.		3 200 000
	Għall-partita	2 1 4 0	Materjal u installazzjonijiet tekniċi		3 200 000	
